MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 725/1992/1

**John Bellia**

**v.**

**Anna Bellia**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fil-25 ta' Gunju 1992, John Bellia ("l-attur"/"l-appellant")ipprezenta citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim

Awla tal-Qorti Civili, li biha stqarr hekk: li martu, Anna Bellia ("il-konvenuta"/"l-appellata"), kienet irrendiet ruhha hatja ta' eccessi u ingurji gravi fil-konfront tieghu, b'dan illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet giet reza impossibli u z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabilment. Zied jghid li huwa kien jixtieq li l-Qorti taghti l-provvedimenti xierqa rigward it-trobbija tat-tlett uliedhom, ilkoll minuri, cioe` Kenneth, Josette u Marvin u li huwa gie awtorizzat biex jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet numru 440/92 ta' l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili. Premess dan kollu, huwa talab lil dik il-Qorti li:

1) tippronunzja s-separazzjoni personali skond il-ligi bejn il-partijiet kontendenti;

2) tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta dekadiet minn drittijiet taghha kollha kif kontemplat fil-Kodici Civili f'dan ir-rigward u senjatament bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 51 u 52;

3) taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz dwar it-trobbija ta' l-ulied minuri fuq imsemmija;

4) tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistentib bejn il-partijiet, tillikwida l-istess komunjoni u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqilhom skond il-ligi fid-dawl ukoll tat-talbiet precidenti, bl-ispejjez.

2. Il-konvenuta kkontestat il-kawza kemm b'nota ta' eccezzjonijiet kif ukoll permezz ta' kontro-talba. Bin-nota ta' eccezzjonijiet taghha, il-konvenuta eccepiet hekk:

"1. L-eccipjenti ma topponix l-ewwel talba ta' l-attur billi llum ir-rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli.

2. L-eccipjenti ma topponix it-tielet talba attrici ghaliex l-eccepjenti tissottometti illi l-intervent tal-Qorti f'dak illi jirrigwarda t-tfal minuri tal-kontendenti jikkonferma illi l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tibqa' fdata lill-esponenti.

3. L-eccipjenti ma topponix ir-raba' talba attrici b'dan pero` illi f'dan ir-rigward huwa sottomess illi din l-Onorabbli Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-ezitu ta' tliet (3) kawzi istitwiti mill-eccepjenti kontra zewgha l-atturi illi jirrigwardaw t-talbiet ta' l-istess eccipjenti biex tliet

kuntratti ta' "bejgh" ta' gid immobili komuni jew li fuqhom il-komunjoni ta' l-akkwisti kellha xi drittijiet lil terzi illi jigu mill-attur jigu rovexxati.

4. It-tieni talba attrici hija ingustifikata u ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti qatt ma tat lok ghad-dekadenza mitluba."

3. Bil-kontro talba taghha, l-konvenuta, wara li ddikjarat li l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma kienetx aktar possibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti ta' l-attur, u wara li ddikjarat li kienet giet awtorizzata mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili, b'digiret numru 418/92, li tipprezenta din l-istanza, hija talbet lil dik il-Qorti biex:
"1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a *mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

2. tawtorizza lill-konvenuta illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Kenneth, Josette u Marvin, ahwa Bellia, tigi fdata lill-konvenuta salv l-access ta' l-attur fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta martu, ghaliha u ghall-imsemmija u liedha minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi ta' l-attur u l-bzonnijiet tal-konvenuta.

5. tapplika, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 56, 58 u 64(1) tal-Kodici Civili (Kap. 23) u separatament tordna illi l-konvenuta tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

6. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenuta u l-ohra lill-istess attur billi, okkorrendo ghall-finijiet ta' liwidazzjoni

mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprzenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. tikkundanna lill-attur sabiex jirritorna u jikkonsenja lill-konvenuta il-beni kollha dotali u parafernali taghha bl-ispejjez."

4. L-attur ikkontesta din il-kontro-talba tal-konvenuta b'dan il-mod:
"1. Illi preliminarment, ma kien hemm ebda lok illi ssir din il-kontro-talba ghaliex Anna Bellia da parti taghha ntavolat kawza ghas-separazzjoni personali mill-eccipjent (citazzjoni numru 738/92, appuntata ghat-13 ta' Novembru, 1992) fejn hija ressqet talbiet identici ghal dawk maghmula f'din il-kontro-talba; u ghalhekk l-eccipjent ma ghandux ibati l-ispejjez relattivi.

2. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u fil-meritu, kienu l-atteggjament u l-komportament ta' l-istess Anna Bellia li rrendew il-hajja konjugali impossibbli. L-agir taghha ppersista ghal snin twal, izda accentwa ruhu fl-aktar mument ikrah meta l-eccipjent skopra li huwa marid bil-kancer."

5. Irid mill-ewwel jinghad li din il-kawza odjerna tmexxiet kontestwalment ma' zewg kawzi ohra bejn il-kontendenti. Infatti fit-2 ta' Lulju 1992, Anna Bellia ipprocediet kontra zewgha John Bellia b'citazzjoni numru 738/92, prezentata quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, li biha resqet quddiem dik il-Qorti prattikament l-istess talbiet identici li hija resqet fil-kontro-talba fil-kawza odjerna u li ssemmew fil-paragrafu 3 ta' din is-sentenza. It-tieni kawza hija fl-ismijiet "John Bellia v. Anna Bellia", u ggib ic-citazzjoni numru 20/97. Dik il-kawza giet intavolata mill-attur odjern fis-7 ta' Jannar 1997, b'talba li s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti tigi dikjarata fuq kawzali addizzjonali u cioe` wkoll fuq il-kawzali li l-konvenuta Anna Bellia rrendiet ruhha hatja ta' adulterju. Konsegwentement l-attur talab li l-istess konvenuta tigi dikjarata li ddekadiet mid-drittijiet kollha taghha kif kontemplati skond il-ligi, kompriz id-dritt taghha li tesigi l-

manteniment minghand l-attur.  Jirrizulta wkoll li l-partijiet u d-difensuri qablu li l-provi kollha li tressqu f'dawn it-tliet kawzi kellhom jitqiesu li huma provi integrali fit-tliet kawzi, u ghalhekk li l-provi li ngabru f'kull kawza jaghmlu stat ta' prova fil-kawzi l-ohra msemmija.  Dawn it-tliet kawzi gew decizi mill-ewwel Onorabbli Qorti bi tliet sentenzi separati, it-tlieta li huma ppronunzjati mill-ewwel Qorti fit-18 ta' Frar 2003.  Madanakollu, ghandu wkoll jinghad li huwa proprju fil-kawza odjerna, cioe` 725/92, li l-ewwel Qorti dahlet fil-fond fil-provi kollha li ressqu l-kontendenti u fl-aspetti legali tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-kawzi. Konsegwentement, ir-ragunijiet li a bazi taghhom l-ewwel Qorti ddecidiet iz-zewg kawzi ohra, jinsabu debitament spjegati u approfonditi fis-sentenza li l-ewwel Qorti ppronunzjat fit-18 ta' Frar 2003 fil-kawza odjerna.

6.  Id-dispositiv ta' din is-sentenza, li nghatat mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-18 ta' Frar 2003 jaqra testwalment hekk:
"Tilqa' l-ewwel domanda attrici u l-ewwel zewg kontro-talbiet tal-konvenuta u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet imputabbli liz-zewg partijiet imma l-aktar tort tal-konvenuta;

Tiddeciedi it-tieni talba u l-hames kontro-talba billi tiddikjara li l-konvenuta tilfet id-dritt ta' manteniment minghand l-attur, u tordna li l-partijiet tilfu d-drittijiet successorji reciproci u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-effetti l-ohra tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikoli citati u f'dawk li ghalihom jirreferu;

Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tielet talba u t-tielet kontro-talba stante li l-ulied huma kollha maggiorenni;

Tichad ir-raba' kontro-talba in kwantu tirreferi ghall-manteniment ghaliha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha in kwantu tirreferi ghall-ulied;

Tilqa' is-seba' kontro-talba b'dan li l-imsemmija beni qed jigu assenjati lill-konvenuta aktar 'il quddiem.

Tiddeciedi r-raba’ domanda u s-sitt kontro-talba billi tiddikjara xolta il-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-konjugi Bellia u tassenja lill-konvenuta bhala is-sehem lilha spettanti mill-istess komunjoni u ghad-dota u beni parafernali taghha, id-dar matrimonjali Qalb ta’ Gesu`, Leli Falzon Street, Naxxar, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha u l-attur ghandu jaghmel dak kollu necessarju biex din l-assenjazzjoni issehh, l-ghamara, hwejjeg u oggetti kollha li jinsabu fl-istess dar, il-vettura Mini antika li tinsab fil-pussess tal-konvenuta u is-somma ta’ hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000) li l-attur huwa kundannat ihallas lill-konvenuta minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta’ meta din is-sentenza tghaddi in gudikat. Lill-attur qed jigu assenjati il-beni immobili l-ohra kollha u li jinkludu 37, Upper Bugibba Road, Bugibba u plot numru 5 Ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija, il-Mercedes antika li tinsab ghand l-attur u dak kollu li jinsab fil-pussess tieghu inkluzi flus u depositi bankarji;

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.”

7. Ghandu jigi rilevat li l-provi ingabru kemm mill-ewwel Onorabbli Qorti stess kif ukoll mill-abbli Perit Legali Dr. Joseph Micallef Stafrace li kien gie nominat b’digriet tat-13 ta’ Lulju 1993. Ir-rapport ta’ l-imsemmi Perit Legali huwa esebit a fol. 479 *et sequitur* tal-process liema rapport gie debitament mahluf minnu fid-9 ta’ Jannar 2003. Is-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti strahet hafna fuq dan ir-rapport peritali: kopja shiha ta’ l-istess sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti qeghdha tigi annessa ma’ din is-sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha, billi l-istess sentenza fiha kummenti relevanti fuq il-provi l-aktar saljenti li jingabru, kif ukoll il-motivazzjoni li a bazi taghha l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjonijiet taghha.

**<u>II L-APPELL</u>**

8. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u b’rikors ta’ l-appell prezentat minnu fl-10 ta’ Marzu 2003, li fih elenka l-aggravji tieghu, talab li din il-Qorti joghgobha tvarja u tirriforma din is-sentenza appellata billi:

"......tikkonfermaha rigward (i) tad-decizjoni li nghatat dwar it-tieni talba u l-hames kontro-talba u (ii) tad-decizjoniji li nghatat dwar it-tielet talba u tielet kontro-talba kif ukoll dwar ir-raba' kontro-talba, u tirrevoka s-sentenza appellata ghar-rigward (i) tad-decizjoni li nghatat dwar l-ewwel talba attrici u l-ewwel zewg kontro-talbiet tal-konvenuta, u minflok tiddeciedi billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet imputabbli lill-konvenuta; (ii) tad-decizjoni dwar is-seba' kontro-talba u tar-raba' talba attrici u s-sitt kontro-talba, billi tiddeciedi minflok li tiddikjara xjolta l-komunjoni u tassenja lill-partijiet dawk il-porzjonijiet li jisthoqqilhom skond il-ligi u skond ir-risultanzi processwali kif fuq spjegat; u (iii) tad-decizjoni dwar il-hlas ta' l-ispejjez tal-kawza billi tiddeciedi minflok illi l-ispejjez kollha jigu sopportati mill-konvenuta."

9. Ma jirrizultax mill-atti li l-konvenuta appellata pprezentat risposta ghar-rikors ta' l-appell ta' l-attur appellant. Madanakollu, ghandu jinghad li l-appellata deheret ghas-seduti mizmuma minn din il-Qorti flimkien mad-difensur taghha u infatti fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2004 id-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell, u wara il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

10. L-aggravji ta' l-appellant huma tlieta. Huwa jikkritika l-mod kif is-sentenza appellata a) akkollat il-htija ghas-separazzjoni, b) iddividiet u assenjat l-assi tal-kontendenti, u c) kif akkollat l-ispejjez tal-kawza. Din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn l-aggravji wiehed wara l-iehor.

11. Kif rajna, l-ewwel Onorabbli Qorti ddikkjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba nuqqasijiet imputabbli liz-zewg partijiet, pero` specifikat li l-konvenuta appellata kellha tort akbar mill-attur appellant ghat-tfarrik taz-zwieg. L-appellant jispjega dan l-ewwel aggravju tieghu testwalment b'dan il-mod:

"Jinghad bir-rispett illi gran parti mill-valutazzjoni stess li saret mill-ewwel Onorabbli Qorti tar-risultanzi, ghar-rigward tal-karattru u tal-komportament rispettivi tal-kontendenti, kellha twassal ghall-konkluzjoni li kienet il-

konvenutali realment irrendiet il-hajja taz-zwieg impossibli. Is-sentenza appellata tispjega (pagna 9) kif il-problemi karatterjali tal-konvenuta immanifestaw ruhhom **<u>"mill-bidu nett fl-antagonizmu estrem ghall-familjari ta' zewgha</u>, <u>liema sentiment ma jidhirx li l-konvenuta esternatu qabel iz-zwieg".</u>** Dwar tali problemi u diffikultatjiet ohrajn li l-konvenuta kienet tikkrea wiehed jista' jghid b'mod kroniku fil-kors tal-hajja mizzewga, ix-xhieda ta'l-esponent tinsab korroborata mill-provi akkwiziti fil-kawza u mill-istess valutazzjoni, fil-qofol taghha, li ghamlet l-ewwel Qorti. Is-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tghid ukoll;

""*Illi oltre din il-lanjanza pjuttost karatterjali, l-ilment veru ta' l-attur jirriwarda l-malafama li wahhlitlu li kien omosesswali. Il-Qorti hija konvinta li dan kienu ghadu l-punt li wassal ghal din il-gwerra kollha. Veru li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom – imma ma hemmx dubju li bid-dar li kellhom, bil-mezzi finanzjarji li kellhom dehlin u bl-ulied mexjin normali fl-iskola, id-dghajsa kienet tkompli ssalpa b'diffikultajiet sormontabbli"* (pagna 10)

"L-esponent jissottometti bir-rispett illi minbarra l-fatt tal-fabrikazzjoni malizzjuza, sostnuta b'akkanitizmu anke fil-kors tas-smiegh tal-kawza (pagna 15 tas-sentenza: "*il-Qorti kellha okkazjoni tikkonsta direttament kif bdiet tghajjar lil zewgha bit-titolu relattiv, minkejja t-twissijiet ta' l-istess lmhallef*"), ta' l-akkuza ta' l-omosesswalita`, **<u>il-konvenuta kienet diga` wasslet biex iz-zwieg jitfarrak</u>** minghajr ma kellha l-ebda gustifikazzjoni kwalsiasi ghall-komportament taghha. L-ewwel Onorabbli Qorti kkonstatat mhux biss il-falsita` ta' l-akkuza ta' l-omosessawlita`. Ikkunsidrat ukoll ix-xandir tal-malafama ma' terzi persuni, mas-social worker Carmen Zammit, ma' ulied il-kontendenti li kienu ghadhom minuri b'mod illi ilhom 'l fuq minn ghaxar snin ma jkellmu lil missierhom. L-ewwel Qorti kkonsidrat is-sensiela ta' adulterji kommessi mill-konvenuta. Ikkonsidrat it-tentattivi persistenti tal-konvenuta biex anke tressaq xhieda ntrinsikament falza. Ikkunsidrat il-falsita` ta' l-akkuza ta' abort allegatament suggerit minn omm l-esponent.

"**U allura jista' jinghad realistikament illi dan l-agir kollu kemm hu mhuwiex sintomu preciz ta' karattru li ddetermina t-tifrik taz-zwieg?** U x'kienu n-nuqqasijiet ta' l-esponent?

"Is-sentenza appellata tghid hekk:

*""Irrizulta sa mill-bidu nett li l-attur ma kienx jaf jigbed lejh lil uliedu, u ghalhekk anqas gibed lejh lill-istess martu"* (pagna 16). Minn fejn jirrizulta dan, *"sa millbidu nett"*?

*""Illi huwa pacifiku li l-attur kien jahdem bis-shih, imma rrizulta wkoll li s-sieghat li kien jibqaghlu kien jippreferi li jghaddihom mal-familja tieghu u anke mal-hbieb"* (pagna 17). Minn fejn jirrizulta dan? **U kif qatt li kien jirrizulta jista' jiggustifika l-karattrju tal-konvenuta li zgur ma *"nbidilx"* ghax tfarrak iz-zwieg izda kien li kien kif gie pruvat mill-bidu taz-zwieg?**"

12. Din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa l-provi tant voluminuzi li ressqu l-partijiet dwar l-aspett ta' min minnhom kien jahti ghat-tfarrik taz-zwieg. Minflok ma ddedikaw l-ahjar zmien ta' hajjithom biex jghixu f'atmosfera ta' mhabba u attenzjoni reciproka u jtellghu lit-tlett uliedhom f'ambjent san, il-provi sfortunatament jaghtu stampa ta' koppja li meta beda l-ghawg bejniethom ma gharfux jikkontrollawh u jsibu tarfu. Mhux talli hekk, izda jidher li aktar ma ghadda z-zmien, aktar bdew jaghmlu minn kollox biex iweggghu, idejjqu, u jinku lil xulxin b'mod li rnexxielhom jitfghu lil xulxin f'bahar ta' nkwiet, u dak li hu aghar, irnexxielhom itellghu lil uliedhom f'ambjent kompletament malsan, li l-abbli Perit Legali jiddiskrevieh bhala ambjent ta' nfern. Din il-Qorti m'hijiex bi hsiebha terga' tirrepeti f'din is-sentenza l-provi l-aktar saljenti illi ressqu l-partijiet fuq dan l-aspett tal-kwistjoni bejniethom. Apparti dak li jinghad fis-sentenza appellata, l-gharef Perit Legali ghamel sunt tajjeb hafna tal-provi kollha li tressqu fit-tliet kawzi, kif jirrizulta minn ezami ta' paragrafu 16 sa 229 tar-rapport peritali, liema paragrafi jinsabu a fol. 112 sa 142 tal-process. Din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li dan iz-zwieg tfarrak tort taz-zewg partijiet, pero` din il-Qorti,

bhall-ewwel Onorabbli Qorti jidhrilha li l-konvenuta bl-agir u l-operat taghha kkontribwiet ferm aktar mill-attur ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Ghandu jigi osservat li l-konvenuta ma ressqet ebda appell, la principali u lanqas incidentali dwar, din il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilita` ghat-tfarrik taz-zwieg in kwistjoni. Din il-Qorti waslet ghalhekk ghall-konkluzjoni li dan iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment, l-aktar minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi li saru mill-konvenuta appellata fil-konfront ta' l-attur appellant u dan skond l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili. Jizdied ukoll li din il-Qorti, bhall-ewwel Onorabbli Qorti, hija sodisfatta li l-attur appellant ghandu raguni valida skond il-ligi li jitlob il-firda minhabba l-adulterju tal-konvenuta appellata. Huwa veru li dan l-adulterju gie kommess fl-epoka meta z-zwieg kien diga` imfarrak. Dan il-fatt gie enfasizzat hafna mill-konvenuta. Pero` certament b'daqshekk wiehed ma jistax sempliciment jinjora din ir-raguni tant serja ghas-separazzjoni, aktar u aktar meta rrizulta li l-htijiet tal-konvenuta appellata ghat-tifrik taz-zwieg kienu aktar serji minn dawk ta' zewgha l-appellant.

13. Fi ftit kliem, l-appellant, bl-ewwel aggravju tieghu qieghed jghid li huwa ma kienx jahti ghat-tfarrik taz-zwieg. Qieghed isostni li kienet martu unikament responsabbli ghal dak kollu li gara. Kif diga` esprimiet ruhha din il-Qorti, jidher car li dan iz-zwieg tfarrak <u>b'tort taz-zewg partijiet, imma l-aktar ta' l-appellata</u>. Din il-Qorti ma tistax tilqa' dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellant kellu diversi aspetti ferm pozittivi fil-karattru tieghu. Certament, wiehed jista' jislet il-fatt li, l-appellant kien bniedem biezel hafna u li habrek bis-shih, qabel ma marad serjament, biex bix-xoghol tieghu jkun jista' jaghti lill-familja tieghu livell ta' hajja tajba. Izda gara li meta l-ghawg bejnu u bejn martu beda jimmanifesta ruhu sewwa, huwa, la gharaf jigbed lil martu lejh u lanqas irnexxielu jigbed lil uliedu lejh. Din il-Qorti jidhrilha li l-appellant m' gharafx jiddistakka ruhu bizzejjed mic-cirku familjari ta' ommu u ta' hutu, meta l-appellata kienet qeghdha turieh bic-car li, tajjeb jew hazin, lil dawn ftit kienet iggibhom. Kif sewwa jirrimarka l-Perit Legali ma kien hemm xejn verament irragonevoli, da parti

tal-konvenuta appellata, li tistenna minn zewgha li jnaqqas il-kumpannija tal-hbieb ta' filghaxijiet. Kif diga` intqal, l-appellant kien biezel hafna qabel marad u dan neccessarjament gab li huwa kellu pjuttost ftit hin liberu. F'dawn ic-cirkostanzi, messu rrealizza li kien jispetta lilu li juza dan il-ftit hin liberu bl-ahjar mod possibli, billi jiddedika l-parti kbira tieghu lejn martu u wliedu. Kif sewwa jghid il-Perit Legali fil-paragrafu 241 tar-relazzjoni tieghu:-
"Meta koppja jizzewgu, dawn jinghataw lil xulxin waqt li jibqghu kulhadd bil-personalita` tieghu. Izda huma jridu jqeghdu l-ewwel l-ghaqda taz-zwieg, ifittxu l-punti komuni u jevitaw dak li bih parti ddejjaq lill-ohra. Dan f'atmosfera ta' komprensjoni u ragjonevolezza."

Din il-Qorti ma thossx il-htiega li tkompli telenka dawk il-fatturi attribwibbli ghall-operat ta' l-appellant li fil-fehma taghha kkontribwew biex dan iz-zwieg jithassar. Sejra ssemmi biss zewg fatturi li certament ikkontribwew bi shih ghar-relazzjonijiet pessimi li sfortunatament zviluppaw bejn il-partijiet u xejn anqas, bejn il-missier u uliedu. Kien hemm in-nuqqas ta' ghoti ta' manteniment ragonevoli meta l-affarijiet bdew jiddeterjoraw. Infatti, irrizulta li l-appellata kienet kostretta li tagixxi *ai termini* ta' l-Artikolu 381(3) tal-Kap. 12 biex tithallas direttament mid-Direttur tas-Servizzi Socjali mill-pensjoni ta' dizabilita` li dan id-Direttur kien johrog lill-appellant (ara xhieda ta' Carmel Mallia a fol. 116). Kien hemm ukoll it-tentattiv li ghamel l-appellant biex abbuzzivament jizmantella l-assi tieghu, kif jirrizulta miz-zewg sentenzi ta' din il-Qorti (citazzjoni numru 170/92 u citazzjoni numru 169/92 fl-ismijiet inversi) it-tnejn decizi fis-6 ta' Ottubru tas-sena 1999. Konsegwentement, dan l-ewwel aggravju ta' l-appellant ma jistax jigi milqugh.

14. It-tieni aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti ddividiet u assenjat l-assi tal-komunjoni. L-appellant jispjega dan l-aggravju tieghu testwalment hekk:
"L-ewwel Onorabbli Qorti ccitat l-Artikoli 48, 51, u 52 tal-Kodici Civili u esprimiet ruhha kif gej:

*““Illi ghandha quddiemha s-sanzjonijiet awtorizzati bl-Artikoli 51 u 52 u sejra tezercita dawn id-drittijiet b’mod li d-divizjoni u assenjazzjoni li ser tigi ordnata tirrifletti l-ispirtu tal-ligi u l-htijiet u c-cirkostanzi kollha ta’ dawn il-proceduri twal...”* (pagna 21 tas-sentenza).

“Tkompli tghid:

““.... *Ikun opportun li l-mara u li z-**zewg ulied minuri** jkomplu jghixu fid-dar matrimonjali li fih l-kumditajiet kollha, u anke fid-dawl ta’ l-eta` tal-kontendenti din ghandha tigi assenjata fl-interita` taghha lill-konvenuta ghalkemm irrizulta li parti sewwa minnha mhix tal-kumunjoni ...”* (pagna 22 tas-sentenza).

“Il-lanjanza ta’ l-esponent hi kif gej:

“(a) Hu pacifiku bejn il-partijiet illi lill-konvenuta jispetta biss **il-kwart** tad-dar matrimonjali.

“(b) Ma jirrizultax x’valur ghandha **llum** il-proprjeta` assenjata lill-konvenuta, u x’valur ghandha l-proprjeta` assenjata lill-esponent.

“(c) Bi zvista evidenti gie konsidrat illi tnejn mill-ulied ghadhom minuri.

“(d) Mhux biss ma jirrizultax x’valur ghandha llum il-proprjeta` kollha in divizjoni, izda wisq anqas kif huma riflessi fl-assenjazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti l-**htijiet u c-cirkostanzi kollha ta’ dawn il-proceduri**.

“Is-sottomissjoni ta’ l-esponent hi fis-sens illi **kellu jigi ordnat il-bejgh ta’ l-assi mmobiljari,** b’dan illi jkun ordnat ukoll li ssir l-assenjazzjoni li tkun tixraq lill-partijiet **skond ir-rizultanzi riferibbli ghat-tfarrik taz-zwieg**.

“Jinghad bir-rispett illi s-suespost jikseb tifsira aktar wiesa meta wiehed iqis illi l-esponent gie kundannat ihallas lill-konvenuta l-ammont ta’ hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000.00) in relazzjoni ghal flus esteri **li dwarhom ma saret l-ebda prova ttendibbli legalment**, hlief ghall-

fatt illi kien l-esponent innifsu li kkonferma quddiem il-Qorti Civili, Sekond Awla li fiz-**<u>zmien relevanti</u>** ('l fuq minn ghaxar snin ilu) kellu tlieta u erbghin elf Lira Sterlini depositati fl-Ingilterra.

"Jista' jinghad ukoll illi kif konfermat bix-xhieda provenjenti mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, il-konvenuta dejjem thallset il-manteniment taghha u ta' l-ulied skond id-digriet relattiv mill-pensjoni ta' l-esponent wara li kien marad bil-kacer. Mill-1992 sas-sena 2003 hija rceviet 'l fuq minn sbatax-il elf Lira Maltin, **<u>anke jekk matul dan il-perjodu jirrizulta ampjament l-adulterju taghha</u>**. L-esponent jghid umilment illi l-hlas tal-manteniment **<u>ghall-konvenuta</u>** tul dan il-perjodu kollu, meta proprjament ma kienx dovut lilha, wkoll kellu jitqies fl-assenjazzjonijiet li jixirqu lill-partijiet."

15. L-ewwel osservazzjoni li ghandha taghmel din il-Qorti hija li jidher evidenti li l-kontendenti hlew wisq zmien u energija jressqu provi biex jattribwixxu t-tort tal-falliment taz-zwieg lil xulxin. Jidher ukoll li huma ttraskuraw hafna l-aspett ta' kif ghandu gustament jinqasam il-gid li kellhom in komun bejniethom. Jghid sewwa l-appellant li ma jirrizultax x'valur ghandu l-assi immobbiljari tal-kontendenti. Infatti hadd mill-kontendenti ma talab lill-ewwel Qorti biex tinnomina perit halli jistma din il-proprjeta`. Ghalhekk l-assenjazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti, kif ukoll l-assenjazzjoni li sejra taghmel din il-Qorti bilfors li trid issir b'mod pjuttost approssimattiv u fuq il-bazi *ex aequo et bono*, aktar milli b'xi precizjoni matematika.

16. L-appellant huwa korrett ukoll meta jghid li l-ewwel Onorabbli Qorti inkorriet fi zvista meta qalet li jkun opportun li l-konvenuta tkompli tghix fid-dar matrimonjali <u>flimkien maz-zewg uliedha minuri</u>. Infatti m'hemm l-ebda dubju, anke mis-sentenza appellata stess, li t-tlett ulied tal-kontendenti kienu kollha maggorenni meta nghatat is-sentenza appellata.

17. Hija korretta wkoll is-sottomissjoni ta' l-appellant li lill-konvenuta jispetta biss parti indiviz tad-dar matrimonjali.

Dan billi n-nofs indiviz ta’ l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali kien jappartjeni lill-assi parafernali ta’ l-appellant. Madanakollu jrid jinghad li l-komunjoni ta’ l-akkwisti ghandha kreditu kontra l-assi parafernali ta’ l-appellant billi jirrizulta li l-bini tad-dar sar fil-kors taz-zwieg bejn il-kontendenti.

18. L-appellant jikkritika l-kundanna li s-sentenza appellata ghamlet fil-konfront tieghu, li bis-sahha taghha huwa kellu jghaddi lill-konvenuta appellata s-somma ta’ hmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000.00). Is-sentenza appellata waslet ghal din il-konkluzjoni ghaliex ghalkemm ma tressqux provi sufficcjenti dwar id-depoziti bankarji li kien hemm barra minn Malta, pero` l-ewwel Qorti deherilha li kellha tiehu in konsiderazzjoni li meta l-partijiet dehru quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili, l-attur appellant kien stqarr, kif jirrizulta mill-verbal relattiv, li huwa kellu erbgha u tletin elf Lira Sterlina (£34,000.00) depozitati fir-Renju Unit.

19. L-appellant jikkritika din l-assenjazzjoni li saret mill-Qorti fis-sentenza appellata billi dak it-taghrif l-appellant kien tah lill-Qorti Civili Sekond Awla ’il fuq minn ghaxar (10) snin qabel giet pronunzjata l-istess sentenza appellata. L-appellant isostni li ma saret l-ebda prova attendibbli legalment dwar l-istess depoziti esteri, liema sottomissjoni evidentement hija bazata fuq il-fatt li d-dokumenti li gew esebiti mill-konvenuta appellata dwar l-istess depoziti esteri ma gew ikkonfermati bil-gurament ta’ hadd mill-kontendenti.

20. L-appellant jikkritika wkoll din l-assenjazzjoni ghaliex irrizulta li ghamel snin ihallas manteniment lill-konvenuta anke jekk matul dan il-perjodu kien jirrizulta ampjament l-adulterju taghha u allura proprjament ma kien dovut lilha xejn. L-appellant jissottometti li dan il-fattur kellu wkoll jitqies fl-assenjazzjonijiet li kienu jixirqu li jsiru lill-partijiet.

21. Illi din il-Qorti, wara li qieset dawn il-lanjanzi kollha ta’ l-appellant, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom tar-rispettivi htijiet tal-partijiet ghat-tfarrik taz-zwieg, jidhrilha li, b’applikazzjoni tad-diskrezzjoni moghtija lill-

Qorti senjatament bl-Artikolu 51 u 52 tal-Kodici Civili, dan it-tieni aggravju ta' l-appellant hemm lok li jintlaqa' in parte. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellant li l-proprjeta` immobbiljari tal-partijiet ghandha tinbiegh u r-rikavat jigi maqsum bejn il-partijiet kif ikun jixraq skond ir-rizultanzi referribli ghat-tifrik taz-zwieg. Minflok, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma l-assenjazzjoni maghmula fis-sentenza appellata tad-dar matrimonjali bl-isem "Qalb ta' Gesu`", Leli Falzon Street, Naxxar lill-konvenuta u tikkonferma wkoll l-assenjazzjoni taz-zewg proprjetajiet l-ohra cioe` 37, Upper Bugibba Road, Bugibba u Plot 5, Ix-Xaghra, kontrada tax-Xemxija lill-attur, waqt li tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-attur li jhallas is-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000.00) lill-konvenuta, u minflok tikkundannah ihallas biss is-somma ta' sebat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm7,500.00) lill-istess konvenuta. Din is-somma qeghdha tigi determinata "*arbitrio boni viri*" billi, a bazi tal-provi akkwiziti fil-process, m'huwiex disponibbli ghal din il-Qorti metodu ahjar ta' likwidazzjoni.

22. L-ahhar aggravju ta' l-appellant jikkoncerna l-mod kif is-sentenza appellata akkollat l-ispejjez tal-kawza. L-appellant issottometta hekk:

"L-esponent jghid rispettozament illi fid-dawl tar-rizultanzi kollha ma kienx indikat li jigi orndat illi l-ispejjez relattivi jithallsu <u>**bin-nofs**</u> bejn il-partijiet. Fl-ewwel lok ma gietx konsidrata <u>**l-ewwel eccezzjoni**</u> ta' l-esponent <u>**ghall-kontro-talba**</u> tal-konvenut, fis-sens illi tlai kontro-talba giet maghmula inutilment (ara wkoll ir-relazzjoni peritali, paragrafi 254 u 255), u fit-tieni lok anke l-fatt per se illi skond l-ewwel Onorabbli Qorti l-htijiet tal-konvenuta kienu sostanzjalment aktar gravi, wkoll jekk kellhom ma jigux akkolti s-sottomissjonijiet ta' l-esponent kif maghmula aktar 'il fuq, kellu jsib ir-rifless tieghu fil-kap ta' l-ispejjez."

23. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti dan l-aggravju huwa pjenament gustifikat. Infatti din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex il-konvenuta kellha tipprevalixxi ruhha mic-citazzjoni ta' l-attur biex tintavola kontra-talba fid-29 ta'

Settembru 1992, meta hija kienet diga` istitwiet kawza *ad hoc* fit-2 ta' Lulju 1992 b'talbiet simili jekk mhux ukoll identici ghal dawk tal-kontro-talba. Naturalment ir-referenza qeghdha ssir ghall-kawza fl-ismijiet Anna Bellia v. John Bellia citazzjoni numru 738/92. Illi ghalhekk jidher car li l-imsemmija kontra-talba saret inutilment mill-konvenuta appellata u ghalhekk kien ikun aktar gust li kieku l-ewwel Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellant ghall-imsemmija kontro-talba li biha eccepixxa li huwa ma kellux ibati l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba. Din il-Qorti jidhrilha wkoll li ladarba jirrizulta li r-responsabbilita` ghat-tifrik taz-zwieg da parti tal-konvenuta hija akbar mir-responsabbilita` ta' l-attur allura jkun gust li din ir-responsabbilita` tigi riflessa wkoll fil-kap ta' l-ispejjez. Din il-Qorti jidhrilha li proporzjon gust stabbilit *arbitrio boni viri* u li l-konvenuta tkun ikkundannata li thallas sebghin fil-mija (70%) ta' l-ispejjez l-ohra waqt li l-attur appellat ihallas ir-rimanenti tletin fil-mija (30%).

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell in parte u ghalhekk tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta s-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltija (Lm15,000.00), minghajr imghax fi zmien sitt xhur mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi in gudikat, u minflok tikkundanna lill-attur appellant li jhallas lill-konvenuta s-somma ta' sebat elef u hames mitt Lira Maltija (Lm7,500.00) minghajr imghax fi zmien sitt xhur mil-lum, u tikkonferma l-kumplament tas-sentenza appellata, hlief ghall-kap ta' l-Ispejjez, li ghandu jigi sopportat bil-mod segwenti:

a) L-ispejjez kollha relattivi ghall-kontro-talba jithallsu kollha mill-konvenuta appellata;

b) L-ispejjez l-ohra tal-kawza, kemm tal-Prim Istanza u kemm ta' din l-Istanza jithallsu kwantu ghal sebghin fil-mija (70%) mill-konvenuta appellata u kwantu ghar-rimanenti tletin fil-mija (30%) mill-attur appellant.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

**Kopja tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta’ Frar 2003, qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti intregrali minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------